**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**18 ta' Frar 2019**

**Rikors Numru 54/2018**

**Silvio Camilleri**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Silvio Camilleri** fil-11 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu ppremetta:

*"Illi fil-5 ta' Gunju 2018, l-esponent gie notifikat b'ittra registrata datata 30 ta' Mejju 2018 mibghuta lilu mill-intimat, u fejn inforza taghha huwa gie mgharraf li l-licenzja tas-sewqan tieghu kienet giet revokata nforza ta' Regolament 36C tal-Ligi Sussidjarja 65.18 u dana peress illi kien akkumula tnax-il punt penali. (Ara Dok A).*
*Illi annessa mal-istess ittra giet notifikata lilu wkoll lista' ta' kontravenzjonijiet tat-traffiku allegatament kommessi minnu, u kif ukoll dettalji ohra relatati mal-istess inkluzi wkoll id-dati meta nstab hati mit-Tribunali Lokali in konnessjoni mal-istess.*
*Illi l-esponent qatt ma gie notifikat b'dawn l-kontravenzjonijiet u qatt ma gie notifikat personalment permezz tal-posta dwar id-data tas-smigh quddiem it-Tribunali in kwistjoni in konnessjoni mal-istess kontravenzjonijiet.*
*Illi l-esponent huwa persuna marid bil-kliewi u qieghed permanentament fuq renal dialysis, u hafna drabi l-vetturi tieghu jsuquhom l-impjegati tieghu jew it-tifel tieghu li huwa mpjegat mieghu.*

*Illi hadd minn dawn l-impjegati qatt ma kellu jew b'xi mod infurmah dwar l-allegati kontravenzjonijiet li b'xi mod setghu kienu nvoluti fihom huma.*
*Illi l-esponent assolutament ma ghandu ebda gharfien dwar dawn l-allegati kontravenzjonijiet u l-ewwel darbali sar jaf bihom kien biss meta rcieva l-ittra surreferita fil-5 ta' Gunju 2018.*
*Illi t-tehid tal-licenzja hija relatata u bbazata unikament fuq dawn l-erba' kontravenzjonijiet indikati f'dokument B li gie notifikat ukoll lilu mal-ittra msemmija.*
*Illi l-esponent ihoss li t-tehid tal-licenzja tas-sewqan tieghu li tant ghandu bzonn sabiex imur l-isptar ghall-kura fuq bazi regolari, hija ghal kollox ngusta u tikser id-drittijiet fundamentali tieghu, dana fil-kuntest li huwa qatt ma gie notifikat bl-allegati kontravenzjonijiet u qatt ma nghata d-dritt xieraq li jikkontesta tali allegazzjonijiet migjuba kontra tieghu quddiem it-Tribunali koncernati.*
*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu ghar-ragunijiet premessi jirrevoka d-decizjoni tal-intimat in kwantu li l-licenzja tas-sewqan tal-esponent tkun revokata. "*

Ra r-risposta ta' **Transport Malta** datata 20 ta' Gunju 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi, fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ratione materiae biex jisma' u jiddeciedi l-kaz odjern.*

   *Dan ghaliex l-artikolu 5(2) tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi".*

   *L-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*
   *(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'**deċiżjoni** tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza".*
   *Fil-kaz odjern m'hemm ebda **decizjoni** maghmula mill-Awtorita' intimata izda semplicement hrug ta' avviz illi johrog awtomatikament mill-Awtorita' intimata li fost il-funzjonijiet regolatorji taghha hemm il-licenzja tas-sewqan ta' vetturi fit-*

*toroq, appena din giet informata illi l-appellant lahaq 12-il punt penali.*
*Dan il-fatt, u cioe' l-hrug tal-avviz li jiskatta awtomatikament mill-provvedimenti tal-artikolu 36C tal-L.S. 65.18 b'mod awtomatizzat u <u>minghajr ebda process decizjonali</u> kwalsijasi, certament li ma jikkostitwix **decizjoni** ghall-finijiet tas-sucitat artikolu 40(1)(a) tal-Kap. 499 u kwindi jezorbita mill-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ai termini tas-sucitat artikolu 5(2) tal-Kap. 490.*

2. *Illi, di piu', u din it-tieni eccezzjoni tallaccja mal-ewwel eccezzjoni fuq moghtija, minn qari tar-Rikors promotur intavolat mir-rikorrent Silvio Camilleri, jirrizulta bl-izjed mod car u inkonfutabbli illi l-aggravju tieghu huwa bbazat fuq l-allegazzjoni illi huwa ma giex notifikat bil-kontravenzjonijiet illi taghhom gie misjub hati u li bihom akkumla t-tnax-il punt penali li awtomatikament u ipso jure jwasslu ghat-telf tal-licenzja tas-sewqan. Konsegwentement dan ifisser illi -:*

(a) *Ir-rikorrent mhuwiex qieghed jappella minn ebda **decizjoni** tal-Awtorita' appellata izda qieghed jikkontesta l-allegat nuqqas ta' notifika tal-kontravenzjonijiet lilu mahruga, u ghalhekk certament illi tali kontestazzjoni ma tirrientrax fil-parametri tal-artikolu 40(1)(a) tal-Kap. 499; u*

(b) *Oltre dan, fir-rigward ta' dan l-aggravju tal-allegat nuqqas ta' notifika tal-kontravenzjonijiet, l-Awtorita appellata lanqas mhi l-legittima kontradittrici ghaliex l-Awtorita appellata m'ghandha assolutament ebda involviment fil-process tal-hrug ta' kontravenzjonijiet jew tad-determinazzjoni taghhom quddiem il-qrati jew tribunali lokali.*

*Ghaldaqstant l-azzjoni intavolata mir-rikorrent konsistenti f'appell minn decizjoni tal-Awtotita' appellata meta effettivament l-Awtorita' appellata ma tat ebda decizjoni assolutament ma treggix, u in kwantu jirrigwarda l-kontestazzjoni tan-notifiki (liema kontestazzjoni certament li ma setghetx issir permezz ta' appell dirett kontra Transport Malta) l-Awtorit'a appellata lanqas biss hi l-legittima kontradittrici.*

3. *Illi ghar-rigward tal-aggravju dedott mir-rikorrent ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, apparti mill-fatt li tali aggravju huwa palezement bla ebda bazi ghaliex il-ligi hija wahda ta' ordni pubbliku li tapplika ergo omnes u fil-konfront ta' kulhadd, dan l-Onorabbli Tribunal diga ppronunzja ruhu diversi drabi illi mhuwiex il-forum kompetenti biex jisma' u jiddeciedi aggravji ta' natura kostituzzjonali.*

4. *Illi, fil-mertu, una volta illi r-rikorret akkumula tnax-il punt penali, il-ligi tistipula illi awtomatikament tiskatta s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u ghalhekk l-appell minnu maghmul huwa kompletament infondat u bla ebda bazi legali u ghalhekk ghandu jigi sommarjament michud bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ra illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimata kienet wahda preliminari;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproceda b'dan ir-rikors peress li hassu aggravat b'ittra mibghuta lilu fit-30 ta' Mejju 2018 fejn gie infumat mill-Awtorita` intimata li l-licenzja tas-sewqan kienet qieghda tigi revokata *ai termini* tal-artikolu 36C tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 peress li kien akkumula tnax-il punt ta' penali.

Fir-rikors promutur ir-rikorrent jishaq illi l-kontravvenzjonijiet li saru u li attiraw maghhom il-punti ta' penali ma sarux minnu izda minn haddiema tieghu. Jallega wkoll illi huwa qatt ma gie notifikat bil-kontravvenzjonijiet.

Illi l-Awtorita` intimata eccepiet preliminarjament illi dan it-Tribunal mhux kompetenti *ratione materiae* biex jisma' u jiddeciedi din il-kwistjoni u dan principalment ghaliex l-istess Awtorita` ma ghamlet l-ebda <u>decizjoni</u> izda l-avviz li rcieva r-rikorrent johrog minn sistema awtomatika mhaddma mill-Awtorita` appena detentur ta' licenzja tas-sewqan jakkumula tnax-il punt ta' penali.

**Ikkunsidra:**

Illi jibda biex jinghad illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal tohrog minn arikolu 5 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`: "*It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili iżda*

*jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."*

Ai termini tal-artikolu 40 (1) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal odjern ghandu kompetenza li jisma' u jiddeciedi *"(a) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjonim, jew licenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijet f'licenza."*

Illi ai termini tal-artikolu 36C tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 *"Liċenza tas-sewqan sħiħa tiġi revokata jekk, fi kwalunkwe żmien matul kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar, id-detentur tagħha jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar."*

Illi minn qari tar-Regolamenti relevanti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 jirrizulta illi fil-kaz ta' revoka ta' licenzja, it-Tribunal odjern ghandu kompetenza biss meta l-licenzja tkun giet revokata ghat-tielet darba fi zmien hames snin, u ghar-raba' darba fi zmien seba' snin. F'dawn ic-cirkostanzi biss it-Tribunal odjern jista', fuq rikors, iqassar iz-zmien tar-revoka.

Illi t-Tribunal josserva illi ghalkemm l-ittra li rcieva r-rikorrent u li minnha qieghed jappella harget minn sistema amministrata mill-Awtorita` intimata b'mod awtomatiku, dan ma jfissirx li d-decizjoni tkun haditha s-sistema. Wara s-sistema hemm l-Awtorita` intimata. Huwa veru li l-Awtorita` intimata m'ghandha l-ebda tip ta' diskrezzjoni f'dan il-kaz pero` l-ittra li rcieva r-rikorrent hija decizjoni.

Madankollu it-Tribunal josserva wkoll illi ma jezisti l-ebda dritt ta' appell minn tali decizjoni u dana ghaliex ai termini tal-Legislazzjoni Susidjarja 65.18 il-kompetenza ta' dan it-Tribunal fejn jidhlu kwistjonijiet ta' revoka wara akkumulazzjoni ta' punti ta' penali hija wahda pjuttost limitata. Jirrizulta illi fil-kaz ta' revoka ta' licenzja, it-Tribunal odjern ghandu kompetenza biss meta l-licenzja tkun giet revokata ghat-tielet darba fi zmien hames snin, u

ghar-raba' darba fi zmien seba' snin. F'dawn ic-cirkostanzi biss it-Tribunal odjern jista', fuq rikors, iqassar iz-zmien tar-revoka.

It-Tribunal josserva illi detentur ta' licenzja ghandu diversi rimedji li jista' jezawrixxi qabel jinghadda gudizzju finali dwar il-kommissjoni tal-kontravvenzjoni. Wiehed ghandu dritt iressaq petizzjoni quddiem il-Bord tal-Petizzjonijiet. F'kaz li ma tintlaqghax tali petizzjoni mbaghad ghandu dritt jikkontesta tali kontravvenzjoni quddiem it-Tribunal Lokali u wara gudizzju tat-Tribunal Lokali hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Madankollu, kif gia inghad, dan it-Tribunal mhux *forum* fejn jista' jigi kontestat sejbien ta' htija u l-konsegwenzi li dan is-sejbien igorr mieghu. Dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiddeciedi materji li jwasslu ghar-revoka tal-licenzja tas-sewqan.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-kontenut tal-avviz tat-30 ta' Mejju 2018 ma jistghax jigi sindakat minn dan it-Tribunal.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u konsegwentement jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**